MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 22/2023 LM

**Josephine Goodrum (K.I. nru. 325969(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' Settembru, 2023, numru 272/2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz tagħha ddeċidiet li tilqa' l-appell tar-rikorrenti **Josephine Goodrum (K.I. nru.**

**325969(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’], u tiċħad id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tas-17 ta’ Novembru, 2021.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tas-17 ta’ Novembru, 2021, fejn ċaħad l-applikazzjoni tal-appellata għall-Għajnuna Soċjali (SA), għaliex hija ma kinitx ottemporat ruħha ma’ dak li kien talabha d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

## Mertu

3. L-appellata appellat mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant quddiem l-Arbitru fid-29 ta’ Novembru, 2021, fejn ikkontendiet li dik id-deċiżjoni u kull deċiżjoni oħra li setgħet ittieħdet, kienu arbitrarji u żbaljati fil-fatt u fid-dritt.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fl-1 ta’ Ġunju, 2022, fejn filwaqt li rrileva li l-appell tal-appellata ma kien qiegħed jissolleva l-ebda punt ta’ liġi jew prinċipju ta’ importanza, issottometta li l-imsemmija appellata kienet naqset *ai termini* tal-para. (b) tas-subartikolu 97(1) tal-Kap. 318 milli tgħaddi kopji tal-kuntratti ta’ bejgħ ta’ tliet proprjetajiet fejn hija kienet ipparteċipat fis-sehem ta’ wieħed minn erbgħa (1/4).

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. L-Arbitru waslet għad-deċiżjoni appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet***

*Illi jirriżulta bħala stat ta' fatt illi l-appellanti għandha tiġi kklassifikata* bħala 'social case' *u dan stante l-abbuż illi hija għaddiet minnu ma' żewġha, illi sfortunatament telaq lilha u lil uliedha u dan nonostante illi tnejn mit-tlett uliedha għandhom problemi ta' saħħa serji. Dan ġie kkonfermat bil-ġurament tan-Nutar Dr. Masini Vento u l-Arbitru qiegħed jagħti piż kbir lill-ġurament ta' dan il-professjonist illi jirriżulta kien involut ħafna fil-kwistjonijiet tal-familja tal-Appellanti. L-istess nutar spjega illi kemm l-Appellanti kif ukoll wieħed mit-tfal sfaw vittmi ta' abbuż serjissimu (bil-perpetranti imsemmija b'isimhom u b'dettalji tal-abbuż illi l-Arbitru jagħżel illi ma jirriproduċix fid-deċiżjoni) u li huma ma kellhom ebda għajnuna għajr mill-familja tal-istess Appellanti. L-istess Nutar ikkonferma illi l-Appellanti iżżewġet meta mhux suppost iżżewġet u l-istess appellanti għandha problemi ta' natura mentali. L-istess Nutar ikkonferma kif mill-flus tal-wirt, li ma kinux jeċċedu €59,000, intefqu xi flus għar-residenza tal-Appellanti għaliex darha kienet* 'substandard'.

*Illi l-istess Nutar eżebixxa dokumenti illi juru ħlasijiet li saru mill-familjari tal-Appellanti għall-ħtiġijiet tal-minuri. U oġġetti bażiċi bħal* washing machine, *uniformijiet, ħajja, nuċċalijiet, kmamar tal-banju, u lista oħra ta' ħtiġijiet.*

*Illi l-Arbitru jagħmilha ċara illi għalkemm l-Arbitru dejjem jesiġi riċevuti fiskali, f'dan il-każ ma ġewx ipprovduti iżda, f'dan il-każ partikolarissimu, in-Nutar, bil-ġurament tiegħu u bħala persuna midħla sew tal-familja,* ***qiegħed bil-ġurament u bir-responsabbiltà tiegħu kemm bħala individwu u iktar u iktar bħala professjonist ossia Nutar li jġorr il-fiduċja pubblika****, jikkonferma il-veraċità tal-istess.*

*Illi l-Arbitru wkoll ma jistax ma josservax l-istat psikoloġiku u komunikattiv (jew aħjar nuqqas tiegħu) tal-Appellanti u lanqas ma jista' jinjora il-provi dwar l-istat ta' saħħa mentali ta' ulied l-Appellanti.*

*Illi għalhekk a bażi tal-istess, l-Arbitru jagħżel ili jemmen it-teżi appellanti u ċioe' illi il-flus illi hija akkwistat mill-bejgħ tal-proprjetà sfumaw sabiex tħallas lura lil ħutha u wkoll għal bżonnijiet estremi tal-familja tagħha. Dan huwa każ sfortunat immens u jidher biċ-ċar illi l-Appellanti, illi ma tidhirx illi hija fi stat tikkomunika b'mod effettiv jew li tifhem u tapprezza l-importanza ta' kollaborazzjoni mad-Dipartiment, taqa' fil-kategorija ta' persuni illi jikkwalifikaw għal Għajnuna mill-Istat."*

## <u>L-Appell</u>

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-9 ta' Novembru, 2023, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"... jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fid-29 ta' Settembru 2023 fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tas-17 ta' Novembru 2021. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma li l-Arbitru naqset milli tagħmel apprezzament tajjeb tal-provi, u applikat il-liġi b'mod skorrett.

7. L-appellata għażlet li ma tweġibx.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji li qiegħed iressaq id-Direttur Ġenerali appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. Id-Direttur Ġenerali appellant qiegħed jikkontendi li l-Arbitru naqset milli tagħmel apprezzament tajjeb tal-provi li tressqu quddiemha, u anki applikat il-liġi b'mod skorrett. Jibda billi jirrileva li skont l-artikolu 133 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, l-oneru tal-prova huwa fuq min qiegħed jirċievi l-benefiċċju in kwistjoni, u dan hekk kif ritenut ukoll minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Mejju, 2003, fl-ismijiet **Carmelo Pullicino *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**. Jispjega li fil-każ odjern, l-appellata kienet tipperċepixxi benefiċċju skont l-eliġibilità tagħha li tistrieħ fuq test tal-mezzi, fejn il-kapital ta' *Single Unmarried Person* m'għandux jeċċedi l-ammont ta' €14,000. Madankollu l-appellata kienet naqset milli tindika fl-applikazzjoni tagħha għall-benefiċċju msemmi, li hija kienet tippossjedi proprjetajiet immobiljarji, u lanqas ma nfurmat lid-Dipartiment meta kien hemm bidla fiċ-ċirkostanzi tagħha, hekk kif hija kienet biegħet l-ishma rispettivi tagħha minn tliet garaxxijiet u *maisonette.* Id-Direttur

Ġenerali appellant jispjega kif il-benefiċċju kien twaqqaf wara li d-Dipartiment kien irċieva r-rendikont bankarju tal-appellata mingħand il-bank, u kien irriżulta li l-bilanċ jeċċedi l-ammont stipulat fil-liġi. Hekk kif imbagħad l-appellata ppreżentat it-tieni applikazzjoni tagħha, fejn it-*Tax Compliance Unit* kien indika li hija kienet biegħet erba' proprjetajiet, hija ntalbet sabiex tipprovdi kopji tal-kuntratti relattivi, iżda dan m'għamlitux, u għalhekk l-applikazzjoni tagħha ġiet miċħuda. Id-Direttur Ġenerali appellant jissottometti li dwar l-allegazzjonijiet ta' mard mentali u bżonnijiet speċjali ta' wliedha, u anki li l-flus ntużaw sabiex jitħallas dak dovut lil ħut l-appellat, kien hemm biss affidavit wieħed iffirmat mill-erbat aħwa, kopja tal-*card* tas-CPRD, kopja ta' ċekkijiet pagabbli lill-appellata li ma ġewx depożitati, il-kuntratt ta' separazzjoni, ix-xhieda ta' oħtha Doris Grech, u x-xhieda tan-Nutar Josef Masini Vento. Id-Direttur Ġenerali appellant irrileva li ma kien hemm l-ebda prova li r-raġel tagħha kien qiegħed jgħaddi manteniment ta' €250 fix-xahar għal uliedha, minflok l-€400 skont il-kuntratt ta' separazzjoni, u l-fatt li ma sar l-ebda rapport mal-Pulizija, kien ifisser li hija kienet qiegħda tgħaddi sew kif inhi. Jissottometti li fil-kuntratt ta' separazzjoni ma kienx hemm indikat li tnejn mit-tfal kellhom bżonnijiet speċjali, u fil-fatt ma kienx jirriżulta li l-appellata tirċievi xi benefiċċju għal dan. Jgħid li l-unika prova li ġiet ippreżentata, kienet kopja tal-*card* li nħarġet mill-Kummissjoni għall-Persuni b'Diżabilità. Id-Direttur Ġenerali appellant jgħid li anki l-istess wild li allegatament għandu diżabilità, ġie mgħallem kif isuq minn ħut ommu, u għalhekk id-Direttur Ġenerali appellant jikkontendi li huwa għandu ħajja indipendenti. Id-Direttur Ġenerali appellant hawnhekk jiċċita dak li qalet oħt l-appellata fix-xhieda tagħha tad-9 ta' Diċembru, 2022, u anki fl-affidavit tagħha tas-6 ta' Frar, 2023. Id-Direttur Ġenerali appellant jissottometti li l-Arbitru ma kellu qatt jistrieħ fuq xhieda

inkonsistenti, fejn fuq naħa waħda kien qiegħed jingħad li l-flus tal-appellata kienu qegħdin jiġu amministrati minn ħutha, u f'okkażjoni oħra jingħad li huma kellhom ftehim magħha sabiex troddilhom il-flus lura. Jgħid li l-Arbitru kellu jeżiġi li jiġi ċċarat il-ftehim bejn l-aħwa u l-appellata sabiex jintraddu lura l-imsemmija flus, u b'hekk jiġi stabbilit l-ammont li huma selfu. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva li ġew ippreżentati ċekkijiet pagabbli lill-appellata bid-data ta' 2 ta' Ottubru, 2019, jiġifieri sussegwenti għall-bejgħ tal-proprjetajiet, iżda dawn ma kienux ġew iddepożitati. Huwa jallega li għalhekk kien hemm tentattiv sabiex il-flus jinħbew mid-Dipartiment, għaliex jekk tassew l-appellata kienet tirċievi l-għajnuna mingħand ħutha, u hija kellha bżonn il-flus, isaqsi kif dawn iċ-ċekkijiet baqgħu ma ssarrfux. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva li n-Nutar Masini Vento kien stqarr li l-appellata kienet għaddiet €20,000 lil uliedha bħala donazzjoni, iżda anki jekk dan kien minnu, hija kienet ċaħdet lilha nnifisha minn mezz għall-għajxien tagħha u ta' uliedha. Dan fejn ħutha kienu saħansitra xehdu li l-flus kienet fil-fatt għaddiethom lit-tifel il-kbir tagħha sabiex ikun jista' jixtri karozza. Id-Direttur Ġenerali appellant jilmenta mill-fatt li l-Arbitru straħet għal kollox fuq ix-xhieda tan-Nutar Josef Masini Vento, fejn dan qal li *"...l-appellanti iżżewġet meta mhux suppost iżżewġet u l-istess appellanti għandha problemi ta' natura mentali".* Jirrileva li ma ġiet ippreżentata l-ebda prova psikjatrika ta' dawn il-problemi, u anki ma saret l-ebda prova permezz ta' tabib tad-diżabilità tat-tfal. Jistaqsi li jekk tassew l-appellata kellha dawn il-problemi, kif setgħet tidher fuq il-kuntratti ta' bejgħ. Id-Direttur Ġenerali appellant hawnhekk jagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti kif diversament ippreseduta f'żewġ każijiet oħra, sabiex jissostanzja l-argument tiegħu, li d-diskrezzjoni tiegħu hija soġġetta għal evalwazzjoni mill-Arbitru u anki minn din il-Qorti. Huwa jiċċita wkoll id-

dispożizzjonijiet tal-artikolu 30 tal-Kap. 318, u dawk tal-ewwel paragrafu tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318. Jissottometti li l-kriterji stabbiliti huma tassattivi u mhux diskrezzjonali, u l-Arbitru naqas li jimxi skont il-provvedimenti tal-Kap. 318, u japplika l-prinċipji ta' ekwità u ġustizzja skont dak li jipprovdi s-subartikolu 108(9) tal-istess liġi. Id-Direttur Ġenerali appellant jgħid li huwa ma jistax jittollera l-abbuż, u huwa obbligat li jiġbor mingħand l-appellata dak li tħallas żejjed lilha, *ai termini* tas-subartikolu 102(2) tal-Kap. 318. Għalhekk l-Arbitru ma kinitx korretta meta ċaħdet id-deċiżjoni tiegħu tas-17 ta' Novembru, 2021, għaliex huwa naqas milli japplika l-liġi.

10. Il-Qorti tikkunsidra li l-kwistjoni li għandha tiġi ttrattata fl-appell odjern hija jekk id-Direttur Ġenerali appellant kienx korrett meta ddeċieda li jiċħad l-applikazzjoni tal-appellata għall-għoti ta' benefiċċju partikolari, billi skont hu kienet naqset milli tagħmel dak li talab mingħandha d-Dipartiment. Ma jirriżultax li l-applikazzjoni tagħha kienet ġiet irrifjutata għaliex ma kienux ġew sodisfatti r-rekwiżiti tal-liġi dwar il-massimu tal-kapital li jista' jkollu l-applikant sabiex tirnexxi t-talba għall-għajnuna soċjali. Għalhekk l-Arbitru stqarret li ma setgħetx ma tosservax l-istat psikoloġiku tal-appellata, u n-nuqqas ta' komunikazzjoni li din uriet. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni appellata, l-appellata kienet dehret diversi drabi quddiem l-Arbitru mhux assistita, u għalhekk din tal-aħħar setgħet faċilment tagħmel apprezzament tajjeb tal-*"problemi ta' natura mentali",* li skont ix-xhud in-Nutar Josef Masini Vento l-appellata kienet issofri minnhom. Dan wassal sabiex l-Arbitru ddikjarat li *"dan huwa każ sfortunat immens u jidher biċ-ċar illi l-appellanti ...ma tidhirx illi hija fi stat tikkomunika b'mod effettiv jew li tifhem u tapprezza l-importanza ta' kollaborazzjoni mad-Dipartiment".* Għal din ir-raġuni l-Qorti hija tal-fehma li l-Arbitru kienet korretta meta ddeċidiet li twarrab id-

deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant. Iżda kull konsiderazzjoni oħra fil-mertu dwar jekk l-appellata kinitx intitolata *o meno* għall-Għajnuna Soċjali (SA), kienet barra minn lokha stante li xejn dwar dan ma tfisser fid-deċiżjoni ta-Direttur Ġenerali appellant, li kif ingħad kienet imsejsa fuq in-nuqqas ta’ produzzjoni ta’ dokumenti kif mitlub mid-Dipartiment. Huma wkoll superfluwi s-sottomissjon-ijiet fir-rikors tal-appell tad-Direttur Ġenerali appellant f’dan ir-rigward.

11. Għaldaqstant, il-Qorti ma ssibx l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikati, u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta’ u tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Bl-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tad-Direttur Ġenerali appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**